

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 15

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

24 ta' Jannar 2022

Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/89 tal-21 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodu li għandu jintuża għall-kalkolu tal-kapaċità ta' ħżin iddedikata suffiċjenti <sup>(1)</sup> .....** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/90 tal-21 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elementi dettaljati tal-mekkaniżmu tal-Unjoni tal-immirar ibbażat fuq ir-riskju għall-għażla ta' vapuri għall-ispezzjoni <sup>(1)</sup> .....** 7
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/91 tal-21 ta' Jannar 2022 li jiddefinixxi l-kriterji biex jiġi stabbilit li vapur jipproduċi kwantitajiet imnaqqa ta' skart u jimmaniġġja l-iskart tiegħu b'mod sostenibbli u li jirrispetta l-ambjent f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> .....** 12
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/92 tal-21 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodoloġiji tad-data ta' monitoraġġ u l-format għar-rapportar ta' skart mistad b'mod passiv <sup>(1)</sup> .....** 16

##### Rettifika

- ★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/1831 tal-24 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi l-ħames lista tal-valuri ta' limitu indikattiv ta' esponiment okkupazzjonali skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u li temenda d-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KE (ĠU L 279, 31.10.2019) ....** 21

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/89

tal-21 ta' Jannar 2022

**li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodu li għandu jintuża għall-kalkolu tal-kapaċità ta' ħżin iddedikata suffiċjenti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 7(4), il-punti (a) u (b) tad-Direttiva (UE) 2019/883 jistabbilixxi eċċezzjoni mill-obbligu ġenerali li l-iskart kollu li jinġarr abbord jiġi kkonsenjat sal-port tal-waqfa għal vapuri li jkollhom kapaċità ta' ħżin iddedikata suffiċjenti għall-iskart kollu li jkun għe akkumulat u li se jiġi akkumulat matul il-vjaġġ maħsub tagħhom sal-port tal-waqfa li jmiss.
- (2) Bl-applikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu definit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw l-eċċezzjonijiet mill-obbligu ġenerali li jiġi kkonsenjat l-iskart kollu li jinġarr abbord fir-rigward tad-disponibbiltà ta' biżżejjed spazju għall-ħżin b'mod armonizzat.
- (3) Il-metodu ta' kalkolu jeħtieġ li ma jiġix applikat għar-rimi tal-iskart skont l-Anness II tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri ("il-Konvenzjoni MARPOL"). Kif stabbilit fl-Anness II tal-Konvenzjoni MARPOL, ir-rimi tal-iskart huwa rregolat mill-Konvenzjoni MARPOL u l-konsenja ta' tali skart hija obligatorja fil-port fejn tinħatt il-merkanzija qabel ma titgħabba merkanzija ġdida jew qabel ma tkun permessa r-rimi fuq il-baħar taħt ċerti kundizzjonijiet. Skont is-sustanza, il-kunsinna tal-fdalijiet tal-merkanzija rregolata mill-Anness II tal-Konvenzjoni MARPOL hija obligatorja qabel it-tluq, soġġetta għall-proċeduri u l-kontroll stabbiliti skont ir-Regolamenti 13 u 16 ta' dak l-Anness. Il-fdalijiet tal-merkanzija skont l-Anness II tal-Konvenzjoni MARPOL li fihom sustanzi tal-kategorija X, sustanzi Y persistenti b'viskożità għolja u sustanzi Y b'viskożità għolja jew solidifikanti, huma rregolati minn ħasil minn qabel obligatorju u rekwiżiti għall-konsenja ta' tali skart f'faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart stabbiliti fir-Regolamenti 13 u 16 tal-Anness II tal-Konvenzjoni MARPOL.
- (4) Il-metodu tal-kalkolu jeħtieġ li ma jiġix applikat għal skart mistad b'mod passiv. Il-ħżin iddedikat għal dan it-tip ta' skart abbord mhux dejjem jeżisti u l-konsenja tal-iskart kollu mistad b'mod passiv hija inċentivata mis-sistema ta' rkupru tal-kostijiet stabbilita fl-Artikolu 8(2), il-punt (d), tad-Direttiva (UE) 2019/883.

<sup>(1)</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116.

- (5) Sabiex jiġu previsti kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet għall-obbligu tal-konsenja tal-iskart stabbiliti fl-Artikolu 7(4), il-punti (a) u (b), tad-Direttiva (UE) 2019/883, huwa indispensabbli li l-Istati Membri japplikaw metodoloġija armonizzata. L-atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva (UE) 2019/883 jeħtieġ għalhekk jieħdu l-forma ta' regolamenti ta' implimentazzjoni.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-kapaċità ta' ħżin iddedikata suffiċjenti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(4), il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/883 billi jużaw il-metodu stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
2. Għall-fini tal-verifika tal-informazzjoni pprovduta skont l-Anness 2 tad-Direttiva (UE) 2019/883, billi tiġi stmata l-ġenerazzjoni abbord ta' tipi differenti ta' skart, l-Istati Membri għandhom iqisu r-rati ta' ġenerazzjoni tal-iskart stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
3. Minbarra r-rati ta' ġenerazzjoni tal-iskart stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jużaw wieħed mill-kriterji li ġejjin jew it-tnejn li huma biex jiddeterminaw l-istimi għall-ġenerazzjoni abbord ta' tipi differenti ta' skart:
  - (a) dokumentazzjoni storika għall-iskart iġġenerat, ibbażati fuq formoli ta' notifika bil-quddiem dwar l-iskart u l-irċevuti tal-konsenja tal-iskart disponibbli għall-vapur inkwistjoni;
  - (b) spezzjonijiet abbord li jiksbu informazzjoni dwar rati preċedenti ta' ġenerazzjoni tal-iskart, dettalji dwar il-ġestjoni tal-iskart abbord u informazzjoni speċifika dwar it-tagħmir jew speċifika għaż-żona tan-negożjar li jaffettwaw ir-rata reali tal-ġenerazzjoni tal-iskart.

#### *Artikolu 2*

Il-metodu għall-kalkolu tal-kapaċità ta' ħżin iddedikata suffiċjenti, stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, ma għandux ikun applikabbli għat-tipi ta' skart li ġejjin:

- (a) tipi ta' skart skont l-Anness II tal-Konvenzjoni MARPOL;
- (b) skart mistad b'mod passiv.

#### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

**Metodu tal-kalkolu għall-kapaċità ta' ħżin suffiċjenti ddedikat għall-iskart**

1. Il-metodu juża kalkolu aritmetiku bbażat fuq l-ammonti stmati ta' skart miżmum abbord fir-rigward tal-kapaċità ta' ħżin iddedikata massima.
2. Il-Kapaċità ta' Skart Użat ("UWC"), stmata fil-ħin li tintbagħat in-notifika bil-quddiem dwar l-iskart fil-port tal-waqfa u espressa bħala perċentwal tal-kapaċità ta' ħżin iddedikata massima, ma għandhiex taqbeż limitu definit minn qabel.
3. Il-UWC għandu jkun ikkalkolat b'din il-formula li ġejja:

$$\text{UWC (\%)} = \frac{A \cdot 100}{M}$$

4. Il-UWC għandu iħares dawn il-kondizzjonijiet:

$$\text{UWC (\%)} < \text{Threshold}$$

Fejn:

A huwa l-ammont stmat ta' skart li għandu jinżamm abbord fil-ħin tat-tluq mill-port tal-waqfa (espress f'm);

M huwa l-kapaċità ta' ħżin iddedikata massima (espress f'm);

Il-livell limitu huwa l-valur stabbilit fit-Tabella 1, għat-tip ta' skart korrispondenti u l-port tal-waqfa li jmiss.

Tabella 1

**Limiti**

Port tal-waqfa li jmiss	Anness I tal-Konvenzjoni Marpol	Anness IV tal-Konvenzjoni Marpol	Anness V tal-Konvenzjoni Marpol	Anness VI tal-Konvenzjoni Marpol
Il-port tal-waqfa li jmiss huwa port tal-UE jew hu parti tal-"Grupp ta' Portijiet Magħżula Addizzjonali"	50 %	50 %	25 %	75 %
Il-port tal-waqfa li jmiss mhux port tal-UE, u lanqas mhux parti tal-"Grupp ta' Portijiet Magħżula Addizzjonali"	25 %	50 %	20 %	25 %

5. Għall-fini tal-użu tal-metodu ta' kalkolu għal kapaċità ta' ħżin suffiċjenti ddedikat għall-iskart, għandu japplika dan li ġej:
  - (a) Il-port tal-waqfa, kif indikat fil-formola tan-notifika bil-quddiem dwar l-iskart stabbilita fl-Anness 2 tad-Direttiva (UE) 2019/883, huwa l-port fejn il-vapur ikun sejjer u fejn tintbagħat in-notifika bil-quddiem dwar l-iskart, f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/883;
  - (b) Il-port tal-waqfa li jmiss huwa l-port li għandu jiġi kkuntatjat wara t-tluq, kif indikat fil-punt 2.5 tal-formola ta' notifika bil-quddiem dwar l-iskart stabbilita fl-Anness 2 tad-Direttiva (UE) 2019/883;
  - (c) L-ammont indikat fis-sitt kolonna "Ammont stmat ta' skart li għandu jiġi ġġenerat bejn in-notifika u l-port tal-waqfa li jmiss" tal-punt 3 tal-formola tan-notifika bil-quddiem dwar l-iskart stabbilita fl-Anness 2 tad-Direttiva (UE) 2019/883 jirreferi għall-iskart iġġenerat u maħsub għar-rimi f'faċilità tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart. L-ammonti li jstgħu jiġu rilaxxati legalment ma għandhomx jiġu inklużi fil-valur irrapportat.
6. Il-"Grupp ta' Portijiet Magħżula Addizzjonali" jinkludi dawk il-portijiet li għandhom jitqiesu bħala portijiet tal-UE għall-fini tal-applikazzjoni tal-limiti stabbiliti fit-Tabella 1. Il-portijiet inklużi f'dan il-grupp huma kollha portijiet li jinsabu fi: l-Iżlanda, in-Norveġja, ir-Renju Unit (inklużi l-Isle of Man, iċ-Channel Islands u Ġibiltà) u l-portijiet Russi li jinsabu fil-Baħar Baltiku.

7. Matul l-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-UWC kif ikkalkulata fit-tielet paragrafu ta' dan l-Anness tista' tiġi ttrattata bħala indikattiva għat-tipi ta' skart ta' residwi tal-merkanzija li ġejjin:
- (a) MARPOL Anness I - Żejt: Likwidi żejtnin mill-ħasil tat-tankijiet;
  - (b) MARPOL Anness I - Żejt: L-Ilma tas-Saborra Maħmuġ;
  - (c) MARPOL Anness V - Żibel: Residwi tal-Merkanzija (HME);
  - (d) MARPOL Anness V - Żibel: Residwi tal-Merkanzija (mhux HME).
-

## ANNEX II

Tabella 1

Rati tal-Ġenerazzjoni tal-Iskart għall-Annessi I, IV u V tal-Konvenzjoni MARPOL <sup>(1)</sup>

Tip ta' skart	Rata tal-ġenerazzjoni	Sewwieq	Trattament abbord
Ilma żejtni tas-sentina	0,01-13 m <sup>3</sup> kuljum, vapuri akbar jiġġeneraw aktar kwantitajiet.	Il-kondensazzjoni u t-tnixxijiet fil-kamra tal-magni; id-daqs tal-vapur.	L-ammont jista' jitnaqqas b'65-85 % bl-użu ta' separatur tal-ilma taż-żejt u bl-iskarika tal-frazzjoni tal-ilma fil-baħar.
Fdalijiet żejtnin (ħama)	0,01 sa 0,03 m <sup>3</sup> ta' ħama għal kull tunnelata ta' HFO. 0 u 0,01 m <sup>3</sup> għal kull tunnelata ta' MGO.	Tip ta' fjuwil; il-konsum tal-fjuwil.	L-evaporazzjoni tista' tnaqqas l-ammont ta' ħama sa 75 % (?). L-inċinerazzjoni tista' tnaqqas l-ammont ta' ħama b'99 % jew aktar.
Ħasil tat-tank (slops)	20 sa mijiet ta' m <sup>3</sup>	Numru ta' tindif tat-tankijiet; Id-daqs tal-kapaċità tat-tagħbija.	Wara li joqgħod, il-frazzjoni tal-ilma tista' tintrema fil-baħar.
Drenaġġ	0,01 sa 0,06 m <sup>3</sup> minn kull persuna kuljum. Id-drenaġġ xi drabi jitħallat ma' ilma mormi ieħor. L-ammont totali għandu medda ta' 0,04 sa 0,45 m <sup>3</sup> minn kull persuna kuljum.	L-għadd ta' persuni abbord; it-tip ta' latrini; it-tul tal-vjaġġ; it-tip ta' trattament: it-tħaddim ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ, jew sistema ta' tifrik u diżinfekzjoni tipprowdi kwantitajiet differenti ta' skart	L-effluwent minn impjanti ta' trattament spiss jintrema fil-baħar fejn ikun permess skont l-Anness IV tal-MARPOL.
Plastik	0,001 sa 0,008 m <sup>3</sup> ta' plastik minn kull persuna kuljum.	L-għadd ta' persuni abbord.	Spiss ma jiġux inċinerati. Il-plastik maħmuġ (il-plastik li jkun għe f'kuntatt mal-ikel) ta' spiss jiġi ttrattat bħala fluss ta' skart separat.
Skart tal-ikel	0,001 sa 0,003 m <sup>3</sup> minn kull persuna kuljum.	L-għadd ta' persuni abbord; provedimenti.	Fejn permess skont l-Anness V tal-MARPOL, l-iskart tal-ikel spiss jintrema fil-baħar.
Skart domestiku	0,001 sa 0,02 m <sup>3</sup> minn kull persuna kuljum.	L-għadd ta' persuni abbord; tip ta' prodotti użati.	
Żejt għat-tisjir.	0,01 sa 0,08 litri minn kull persuna kuljum.	L-għadd ta' persuni abbord; tip ta' ikel ippreparat.	Għalkemm mhux permess, iż-żejt tat-tisjir xi kultant għadu jżjed mat-tank tal-ħama.
Irmied tal-inċinerazzjoni	0,004 u 0,06 m <sup>3</sup> kull xahar.	L-użu tal-inċineratur; l-ispiża tal-użu tal-inċineratur.	L-inċineratur ma jintużax għat-tipi kollha ta' skart, l-aktar għall-karti u xi drabi għall-ħama żejtnija.
Skart operattiv	0,001 sa 0,1 m <sup>3</sup> minn kull persuna kuljum.	Id-daqs tal-vapur; it-tip ta' merkanzija.	
Fdalijiet tal-merkanzija	0,001–2 % tat-tagħbija tal-merkanzija.	Tip ta' merkanzija Id-daqs tal-vapur.	

<sup>(1)</sup> Estratt mill-istudju tal-EMSA "The Management of Ship-Generated Waste On-board Ships", Jannar 2017.

<sup>(2)</sup> L-evaporazzjoni tal-frazzjoni tal-ilma fil-ħama taż-żejt huwa proċess li jrid jiġi għestit bir-reqqa u għandu jsir biss sal-punt li jippermetti l-kombustibilità tal-ħama maħsuba għall-inċinerazzjoni.

Tabella 2

**Rati ta' Ġenerazzjoni tal-Iskart għall-Anness VI tal-Konvenzjoni MARPOL dwar l-iskart (sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost, "EGCS")**

Tip ta' EGCS	Koeffiċjent	Unità	Eżempji (Magnamagna 10 MW or konsum ta' HFO 40 t/jum)
<b>Manifattur 1</b>			
Ammont ta' ħama b'ċirkwit miftuħ	0,1	kg/MWh	$0,1 \times 10 \text{ MW} \times 24 = 24 \text{ kg/jum}$
Ammont ta' ħama f'ċirkwit magħluq (DAF- BOTU)	3,5–7,0	kg/MWh, skont l-SFOC, l-MCR u l-kwalità tal-fjuwil	$3,5 \times 10 \text{ MW} \times 24 = 840 \text{ kg/jum}$
Ammont ta' ħama f'ċirkwit magħluq (BOTU-M)	3,0	l/MWh/S%, skont l-SFOC, l-MCR u l-kwalità tal-fjuwil	$3,0 \times 10 \text{ MW} \times 24 \times S2,5 \% = 1800 \text{ l/jum}$
<b>Manifattur 2</b>			
Ammont ta' ħama f'ċirkwit magħluq	2,5–3,0	Kg/kkunsmat HFO t	$2,5 \times 40 \text{ t/jum} = 100 \text{ kg/jum}$

NB: L-ammont ta' ħama tas-sistema tat-tindif tal-gass tal-egżost iġġenerat jiddependi fl-aħħar mill-aħħar ukoll mill-ispeċifitàjiet tal-installazzjoni individwali: il-manwal tas-sistema tat-tindif tal-gass tal-egżost ipprovdut mill-manifattur għandu għalhekk jiġi kkonstatat. Informazzjoni fit-tabelli pprovduti mill-kumpaniji kkonċernati.



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/90****tal-21 ta' Jannar 2022****li jstabilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elementi dettaljati tal-mekkaniżmu tal-Unjoni tal-immirar ibbażat fuq ir-riskju għall-għażla ta' vapuri għall-ispezzjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn vapuri, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artiklu 11(2), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) L-infurzar effettiv tal-obbligu li l-iskart jitwassal fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart huwa ta' importanza kbira biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-problema taż-żibel fil-baħar u skart ieħor mit-trasport marittimu li jidħol fl-ambjent tal-baħar.
- (2) Mekkaniżmu uniku tal-Unjoni għall-immirar ibbażat fuq ir-riskju jeħtieġ jipprevedi kundizzjonijiet uniformi għall-għażla ta' vapuri għall-ispezzjoni skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva (UE) 2019/883.
- (3) Bl-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-Unjoni ta' mmirar ibbażat fuq ir-riskju, l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri għandu jkollhom għodda ta' appoġġ biex jissodisfaw l-impenn ta' spezzjoni skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva (UE) 2019/883.
- (4) Sabiex jiġi vvalutat ir-riskju li vapur ma jikkonformax mal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/883, jeħtieġ jitqiesu diversi parametri, li flimkien jipprovdu indikazzjoni ċara ta' tali riskju. Dawk il-parametri għandhom ikunu: in-nuqqas ta' konformità jew indikazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għall-konsenja tal-iskart; il-perjodu ta' żmien li jkun għadda mill-aħħar spezzjoni; l-eżistenza ta' rapporti preċedenti ta' nuqqas ta' konformità mill-awtoritajiet tal-port rilevanti; il-port tal-waqfa ta' qabel u dak li jmiss; l-eżistenza ta' eżenzjoni għal dak il-vapur; u l-informazzjoni inkluża fuq SafeSeaNet u fit-THETIS-EU.
- (5) Sabiex jiġu previsti kundizzjonijiet uniformi għall-għażla tal-vapuri għall-ispezzjoni, huwa indispensabbli li l-Istati Membri japplikaw metodoloġija armonizzata. Għalhekk l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva (UE) 2019/883 jeħtieġ jieħdu l-forma ta' regolamenti ta' implimentazzjoni.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar Ibħra Sikuri u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Vapuri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Għall-finijiet tal-ispezzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jikklassifikaw il-vapuri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/883, fil-kategoriji tal-livell tar-riskju li ġejjin:

- (a) Livell tar-riskju 1 (riskju għoli);
- (b) Livell tar-riskju 2 (riskju medju);
- (c) Livell tar-riskju 3 (riskju baxx);

<sup>(1)</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116.

- (d) Livell tar-riskju 4 (riskju minimu);
2. Il-kategorija tal-livell tar-riskju għal kull vapur għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-parametri tar-riskju stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness.
3. Il-parametri tal-livell tar-riskju stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness għandhom jiġu applikati skont il-metodoloġija msemmija fil-punti 1 sa 4 tal-Anness.

#### *Artikolu 2*

Meta jikkonformaw mal-impenji ta' spezzjoni stabbiliti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2019/883, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) jagħtu prijorità lill-ispezzjoni ta' vapuri b'kategorija ta' livell ta' riskju oġhla;
- (b) jagħżlu b'mod aleatorju għall-ispezzjoni mill-inqas 1 % tal-għadd ta' vapuri li għandhom jiġu spezzjonati kull sena.

#### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## Metodoloġija:

1. Il-parametri tar-riskju stabbiliti fit-Tabella 1 għandhom jintużaw biex jiġi ddeterminat il-livell ta' riskju tal-bastiment.
2. Kull parametru tar-riskju stabbilit fit-Tabella 1 jiġi assenjat kodiċi tal-kulur differenti li jirrappreżenta l-livell ta' riskju: Aħmar (għoli), oranġjo (medju) jew isfar (baxx).
3. L-assenjazzjoni tal-livell tar-riskju lil vapur abbażi tal-allerti għall-parametri tar-riskji fit-Tabella 1 għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 2.
4. Sabiex ikunu applikati diversi allerti attivi fl-istess ħin għall-assenjazzjoni tal-livelli ta' riskju stabbiliti fit-Tabella 2, jistgħu jiġu applikati l-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fit-Tabella 3.

Tabella 1

## Parametri tar-riskju

Numru tal-parametru tar-riskju	Livell ta' riskju tal-allert (Kodiċi tal-kulur)	Deskrizzjoni tal-parametru tar-riskju	Kriterji għall-attivazzjoni ta' allert għall-parametru tar-riskju	Kriterji għad-diżattivazzjoni ta' allert għall-parametru tar-riskju
1	Oranġjo	Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti avvanzati ta' notifika tal-iskart stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/883.	L-allert jiġi attivatt jekk in-notifika bil-quddiem dwar l-iskart ma tkunx intbagħtet jew ma jkunx fiha informazzjoni obbligatorja.	L-allert jintbagħat biex jiġi kkalkulat f'Port A abbażi tan-notifika bil-quddiem dwar l-iskart mibgħut lill-Port A. L-allert irid jerġa' jiġi vvalutat f'kull Port.
2	Oranġjo	Informazzjoni pprovduta mill-operatur, l-aġent jew il-kaptan skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/883.	L-allert jiġi attivatt jekk il-kontrolli tal-validità tal-kontenut ta' notifika bil-quddiem dwar l-iskart jiżvelaw li l-vapur jista' jkun li mhux konformi mad-Direttiva.	L-allert jintbagħat biex jiġi kkalkulat f'Port A abbażi tan-notifika bil-quddiem dwar l-iskart mibgħut lill-Port A. L-allert irid jerġa' jiġi vvalutat f'kull Port.
3	Oranġjo	Id-data tal-ispezzjonijiet preċedenti mwettqa skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2019/883.	L-allert jiġi attivatt jekk il-bastiment ma jkunx ġie spezzjonat skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2019/883 fit-12-il xahar ta' qabel. Nota: Dan l-allert għandu jkun attiv biss wara t-28 ta' Ġunju 2022.	L-allert jiġi dizattivatt wara li tkun ġiet irreġistrata spezzjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva (UE) 2019/883.
4	Aħmar	Rapport(i) eżistenti mill-awtoritajiet ta' spezzjoni tal-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet, l-awtoritajiet tal-port jew korpi kompetenti oħra li jindikaw li l-vapur ma kkonformax mal-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2019/883.	L-allert jiġi attivatt manwalment f'THETIS-EU mill-ispetturi tal-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet.	L-allert jiġi dizattivatt wara li tiġi konkluzja spezzjoni (status "Spezzjonat") mingħajr nuqqasijiet ta' konformità.

5	Oranġjo	Allert ta' Nuqqas ta' Konformità fil-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet	Allert attivatt jekk il-vapur ikun ġie identifikat b'nuqqasijiet ta' konformità fil-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet fl-aħħar 6 xhur, b'rapport rilevanti f'THETIS-EU.	L-allert jiġi diżattivatt wara li tiġi konkluża spezzjoni (status "Spezzjonat") mingħajr nuqqasijiet ta' konformità.
6	Oranġjo	Ħażna Dedicata Suffiċjenti	L-allert jiġi attivatt jekk il-ħażna ddedikata abbord ma titqiesx suffiċjenti skont il-kriterji użati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(4)(b)	L-allert jintbagħat biex jiġi kkalkulat f'Port A abbażi tan-notifika bil-quddiem dwar l-iskart mibgħut lill-Port A. L-allert irid jerġa' jiġi vvalutat f'kull Port.
7	Isfar	Port tal-Waqfa Li Jmiss	Meqjusa li żżid il-livell tar-riskju jekk mhux tal-UE jew mhux magħruf. Għall-komputazzjoni ta' dan l-allert, il-portijiet li jinsabu fl-Iżlanda, in-Norveġja, ir-Renju Unit (inkluż l-Isle of Man, iċ-Channel Islands u Ġibiltà) u l-portijiet Russi li jinsabu fil-Baħar Baltiku għandhom jiġu ttrattati bħala UE.	L-allert jintbagħat biex jiġi kkalkulat f'Port A abbażi tan-notifika bil-quddiem dwar l-iskart mibgħut lill-Port A. L-allert irid jerġa' jiġi vvalutat f'kull Port.
8	Isfar	Port taż-Żjara Preċedenti	Meqjusa li żżid il-livell tar-riskju jekk mhux tal-UE. Għall-komputazzjoni ta' dan l-allert, il-portijiet li jinsabu fl-Iżlanda, in-Norveġja, ir-Renju Unit (inkluż l-Isle of Man, iċ-Channel Islands u Ġibiltà) u l-portijiet Russi li jinsabu fil-Baħar Baltiku għandhom jiġu ttrattati bħala UE.	L-allert jintbagħat biex jiġi kkalkulat f'Port A abbażi tan-notifika bil-quddiem dwar l-iskart mibgħut lill-Port A. L-allert irid jerġa' jiġi vvalutat f'kull Port.
9	Isfar	Allert ta' Eżenzjoni	L-allert jiġi attivatt jekk il-vapur ikollu eżenzjoni u ma jkunx ġie spezzjonat għal 12-il xahar, biex jiġi żgurat li dawn il-vapuri jiġu inklużi fl-ispezzjonijiet.	L-allert irid jiġi vvalutat mill-ġdid f'kull port.
10	Aħmar	Tip ta' Incident Allert tal-Iskart	L-allert jiġi attivatt jekk ikun inħareġ Rapport ta' Incident tat-tip "skart" fis-SafeSeaNet għal dak il-bastiment f'port preċedenti.	L-allert jiġi diżattivatt wara li tiġi konkluża spezzjoni (status "Spezzjonat") u tkun seħħet mingħajr nuqqasijiet ta' konformità jew wara li l-inċident ma jkunx attiv fis-SafeSeaNet

Tabella 2

**Assenjazzjoni tal-livelli tar-riskju abbażi tal-għadd ta' inputs attivi**

Kriterji għal-livelli ta' riskju	
Livell ta' Riskju 1	Allert ħamra wieħed jew aktar
Livell ta' Riskju 2	Allert oranġjo <sup>(1)</sup> wieħed jew aktar
Livell ta' Riskju 3	Allert isfar <sup>(1)</sup> wieħed jew aktar
Livell ta' Riskju 4	L-ebda allert attiv

<sup>(1)</sup> Sal-ammont li jiskatta l-applikazzjoni tal-fattur ta' konverżjoni.

Tabella 3

**Fatturi ta' konverżjoni biex jikkombinaw diversi parametri attivi konkorrenti għall-applikazzjoni tal-livelli ta' riskju tat-Tabella 2**

Fattur ta' konverżjoni	
Tliet allerti sofor	Allert oranġjo wieħed
Tliet allerti oranġjo	Allert aħmar wieħed

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/91****tal-21 ta' Jannar 2022****li jiddefinixxi l-kriterji biex jiġi stabbilit li vapur jipproduċi kwantitajiet imnaqqsa ta' skart u jimmaniġġja l-iskart tiegħu b'mod sostenibbli u li jirrispetta l-ambjent f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tagħha,

Billi:

- (1) Għall-finijiet tat-tnaqqis tat-tariffi previst fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva (UE) 2019/883, jeħtieġ jintużaw il-kriterji fl-Anness.
- (2) Il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness jirriflettu l-isforzi essenzjali fit-tnaqqis tal-iskart. Għalhekk jeħtieġ ikunu obbligatorji.
- (3) Il-kriterji addizzjonali stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness jistgħu jiġu applikati biex jinċentivaw prattiki u tagħmir speċifiċi, li jistgħu jkunu utli wkoll għat-tnaqqis tal-iskart. Għalhekk daww il-kriterji jeħtieġ ikunu fakultattivi.
- (4) Sabiex jiġu previsti kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tat-tnaqqis tat-tariffi stabbiliti fl-Artikolu 8(5) tad-Direttiva (UE) 2019/883, huwa indispensabbli li l-Istati Membri japplikaw metodoloġija armonizzata. L-atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva (UE) 2019/883 jeħtieġ għalhekk jieħdu l-forma ta' regolamenti ta' implimentazzjoni.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness għandhom jitqiesu mill-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet jew mill-awtoritajiet tal-port meta jiġi kkalkulat it-tnaqqis tat-tariffa skont l-Artikolu 8(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/883.
2. Il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness jistgħu jitqiesu mill-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet jew mill-awtoritajiet tal-port meta jiġi kkalkulat it-tnaqqis tat-tariffa skont l-Artikolu 8(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tad-Direttiva (UE) 2019/883.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

## TAQSIMA 1

## Lista tal-kriterji obligatorji msemija fl-Artikolu 1(1)

Kriterji	Elementi relatati	Anness relatat tal-Konvenzjoni MARPOL	Mezzi possibbli ta' verifika <sup>(1)</sup>
Is-segregazzjoni abbord skont ir-Risoluzzjoni MEPC.295(71) u l-konsenja żgurata lejn faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet li jikkonformaw mal-Artikolu 4(2)(d) tad-Direttiva (UE) 2019/883.	Operazzjonijiet u ġestjoni	Anness V	Green Award, ISO 21070, Blue Angel, Green Marine, Waste Delivery Receipt, Pjan ta' Ġestjoni taż-Żibel Speċifiku għall-Bastimenti approvat mis-soċjetà ta' klassifikazzjoni tal-bastimenti, ISO 14001 Sistema tal-Ġestjoni Ambjentali.
Politiki ta' xiri ambjentalment sostenibbli (tnaqqis ta' materjali tal-imballaġġ bħall-ippakkjar bl-ingrossa u l-evitar ta' plastik li jintuża darba biss)	Ġestjoni	Anness V	Green Award, ISO 21070, Blue Angel, Green Marine, Pjan ta' Ġestjoni taż-Żibel Speċifiku għall-Bastimenti approvat mis-soċjetà ta' klassifikazzjoni tal-bastimenti, ISO 14001 Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali.

<sup>(1)</sup> Jistgħu jiġu aċċettati skemi addizzjonali li permezz tagħhom il-vapuri jistgħu juru li huma konformi mal-kriterji.

## TAQSIMA 2

## Lista tal-kriterji fakultattivi msemija fl-Artikolu 1(2)

Kriterji	Elementi relatati	Anness relatat tal-Konvenzjoni MARPOL	Mezzi possibbli ta' verifika <sup>(1)</sup>
L-użu ta' fjuwils alternattivi <sup>(2)</sup> u sorsi oħra ta' enerġija matul il-vjaġġ lejn il-port tal-waqfa jew fl-irmiġġ (eż. l-elettriku mix-xatt, mir-riħ, mix-xemx)	Disinn, teknoloġija u operazzjoni tal-vapuri	Anness I	Il-Premju Ekoloġiku, in-noti tal-kunsinna tal-bunker, il-ktieb tar-rekords taż-żejt, iċ-ċertifikazzjoni tal-klassi jew statutorja, il-Pjan ta' Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (SEEMP).
L-użu ta' Sistema Kaxxa Bajda < 5ppm (għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-iskariku tal-ilma tas-sentina mill-bastiment)	Teknoloġija u operazzjoni	Anness I	Ċertifikat tal-klassi, dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip
Separatur tal-ilma żejtni (OWS) < 5 ppm	Teknoloġija u operazzjoni	Anness I	Ċertifikat tal-klassi, dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip, Premju Ekoloġiku, Indiċi tat-Trasport Marittimu Nadif (CSI), Green Marine, Blue Angel
OWS < 5 ppm + sistema tal-alert u waqfa awtomatika għall-vapuri < 10 000 GT	Teknoloġija u operazzjoni	Anness I	Ċertifikat tal-klassi, dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip, Premju Ekoloġiku, CSI, Green Marine, Blue Angel



Il-vapur ma jużax tagħmir għall-iffiltrar taż-żejt għall-iskariki, iżda jissepara l-ilma tas-sentina u l-ħama kollha u sussegwentement jarmihom fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet	Funzjonament	Anness I	Ktieb tar-rekords taż-żejt, irċevuti tal-iskart
Sistema ta' trattament tad-drenaġġ f'konformità mar-Riżoluzzjoni MEPC.227(64) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali għall-bastimenti kollha, ħlief għall-vapuri tal-passiġġieri meta joperaw f'Żoni Speċjali koperti mill-Anness IV tal-Konvenzjoni MARPOL	Teknoloġija, operazzjoni u ġestjoni	Anness IV	Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE f'konformità mad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(?)</sup> jew ċertifikat tal-klassi. Barra minn hekk, verifika regolari fl-użu minn verifikatur indipendenti.
Il-bastiment ma jarmi l-ebda drenaġġ fil-baħar u jwassal id-drenaġġ kollu tiegħu mhux ittrattat u/jew trattat u/jew ħama tad-drenaġġ lill-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet	Funzjonament	Anness IV	Irċevuti tal-iskart
Użu mill-ġdid u riċiklaġġ abbord	Operazzjonijiet u ġestjoni	Anness V	ISO 21070, Green Marine, ISO 14001 Sistema tal-Ġestjoni Ambjentali.

<sup>(1)</sup> Jistgħu jiġu aċċettati skemi addizzjonali li permezz tagħhom il-vapuri jistgħu juru li huma konformi mal-kriterji.

<sup>(2)</sup> Kif definit fid-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1)

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/92****tal-21 ta' Jannar 2022****li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodoloġiji tad-*data* ta' monitoraġġ u l-format għar-rapportar ta' skart mistad b'mod passiv****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(7), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(7) tad-Direttiva (UE) 2019/883, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li *d-data* ta' monitoraġġ dwar il-volum u l-kwantità ta' skart mistad b'mod passiv tinġabar u tiġi rrapportata lill-Kummissjoni.
- (2) Il-Manwal tal-Eurostat dwar l-Istatistika tal-Iskart <sup>(2)</sup> għandu jinforma statistika tal-iskart ta' kwalità għolja, armonizzata u effiċjenti skont ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> u b'mod konsistenti mad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, li tippermetti t-tqabbil tad-*data* madwar l-Istati Membri.
- (3) Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup> tipprovdi r-rapportar elettroniku tan-notifika avvanzata dwar l-iskart li tinkludi informazzjoni dwar l-iskart mistad b'mod passiv u metodoloġija speċifika hija meħtieġa għall-ġbir ta' informazzjoni dwar l-iskart mistad b'mod passiv minn bastimenti tas-sajd li huma soġġetti għad-Direttiva (UE) 2019/883 iżda li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE.
- (4) Mhux dejjem ikun possibbli jew kosteffettiv li jitkejlu kemm il-massa kif ukoll il-volum ta' skart mistad b'mod passiv. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistmaw il-massa bħala funzjoni tal-volum jew tal-volum bħala funzjoni tal-massa bl-użu ta' stima tad-densità tal-iskart mistad b'mod passiv adegwata għaċ-ċirkostanzi tagħhom.
- (5) Sabiex jiġu żgurati l-omoġeneità, il-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data* miġbura għall-monitoraġġ tal-volum u l-kwantità ta' skart mistad b'mod passiv fl-Istati Membri kollha, l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva (UE) 2019/883 jeħtieġ jieħdu l-forma ta' regolamenti ta' implimentazzjoni.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

<sup>(1)</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116.

<sup>(2)</sup> "Manwal dwar l-istatistika tal-iskart — Manwal għall-ġbir tad-*data* dwar il-ġenerazzjoni u t-trattament tal-iskart" [2013 edition], Metodoloġiji tal-Eurostat u Dokumenti ta' Ħidma, doi:10.2785/4198

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart (ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Il-metodu għall-ġbir ta' *data* dwar il-volum u l-massa ta' skart mistad b'mod passiv mill-Istati Membri għandu jkun konsistenti mal-Manwal tal-Eurostat dwar l-Istatistika tal-Iskart.
2. Għall-bastimenti tas-sajd li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE, il-ġbir tad-*data* dwar l-iskart mistad b'mod passiv għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta fin-notifika bil-quddiem dwar l-iskart skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/883.
3. Għal bastimenti tas-sajd li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/59/KE, il-ġbir ta' *data* dwar skart mistad b'mod passiv għandu jkun ibbażat fuq wieħed mill-metodi li ġejjin deskritti fil-Manwal tal-Eurostat dwar l-Istatistika tal-Iskart:
  - (a) stħarriġ;
  - (b) sorsi amministrattivi jew sorsi oħra;
  - (c) proċeduri ta' stima statistika;
  - (d) kombinazzjoni tal-forom imsemmijin fil-punti (a), (b) u (c);

#### Artikolu 2

1. L-iskart mistad b'mod passiv għandu jiġi rrapportat skont il-komponenti stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness.
2. L-iskart mistad b'mod passiv jista' jinkludi rkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew mormi b'xi mod ieħor, li jista' jiġi rrapportat separatament minn skart tal-baħar ieħor.
3. L-elementi obbligatorji u volontarji għar-rapportar ta' skart mistad b'mod passiv huma stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness.
4. Il-format tar-rapportar għall-iskart mistad b'mod passiv u l-metodu għall-aggregazzjoni huwa stabbilit fit-Tabella 3 tal-Anness.

#### Artikolu 3

1. L-ammont ta' skart mistad b'mod passiv għandu jiġi rrapportat fil-volum u fil-massa.
2. Fejn xieraq, il-konverżjoni tal-volum (V) għal massa (m) għandha tiġi kkalkulata bil-formula li ġejja:

$$m = \rho V$$

Fejn  $\rho$  hi d-densità stmata tal-materjal ( $\text{kgm}^{-3}$ ),  $m$  hi l-massa (kg) u  $V$  hi l-volum ( $\text{m}^3$ ).

#### Artikolu 4

Mill-1 ta' Jannar 2022, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* u l-informazzjoni għall-perjodi annwali mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru. Ir-rapporti għandhom jiġu pprovduti elettronicament fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' rapportar li għaliha jkunu nġabru.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* miġbura għas-sena 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022, sal-limitu massimu possibbli skont l-Anness.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

Tabella 1

**Komponenti ta' skart mistad b'mod passiv**

Livell 1	Plastik	Metall	Gomma	Injam	Tessuti	Skart ieħor
Livell 2	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Xbieki</li> <li>— Bagi</li> <li>— Kaxex tal-ħut</li> <li>— Ħbula/spag</li> <li>— Fliexken</li> <li>— Imballaġġ</li> <li>— Ċineg Banda ta' Frekwenzi</li> <li>— Fowm</li> <li>— Laned</li> <li>— Tnabar taż-żejt</li> <li>— Fibri tal-ħġieġ</li> <li>— Fertilizzant u basktijiet tal-għalf tal-animali</li> <li>— Oġġetti kbar oħra</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Tnabar taż-żejt</li> <li>— Wajer</li> <li>— Laned taż-żebgħa</li> <li>— Filtri taż-żejt</li> <li>— Oġġetti oħra</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Ingwanti</li> <li>— Tajers u ċinturini</li> <li>— Bwiesz</li> <li>— Oġġetti oħra</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Nases tas-sajd</li> <li>— Kaxxi</li> <li>— Palits</li> <li>— Oġġetti Oħra</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Ħbula</li> <li>— Ħwejjeġ u żraben</li> <li>— Oġġetti oħra</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Ħġieġ</li> <li>— Skart mediku</li> <li>— Skart sanitarju</li> <li>— Oġġetti oħra</li> </ul>

Tabella 2

**Elementi obligatorji u volontarji tar-rapportar**

Obbligatorju jew volontarju	Deskrizzjoni	Ċelloli korrispondenti fit-Tabella 3 li għandhom jiġu rrapportati
Obbligatorju	Il-massa totali u l-volum totali tal-iskart kollu mistad b'mod passiv.	Ċelloli fil-kolonna 1 u 4 tar-ringiela 1 (tipa grassa)
Volontarja	Massa u volum ta' sajd passiv moħli aggregat skont l-oriġini tiegħu: ALDFG (*) u skart ieħor fil-baħar.	Iċ-ċelloli kollha fir-ringiela 1
Volontarja	Massa u volum ta' skart mistad b'mod passiv aggregat skont it-tip ta' materjal (plastik, metalli, gomma u skart ieħor).	Iċ-ċelloli kollha fil-kolonna 1 u 4
Volontarja	Massa u volum ta' sajd passiv moħli aggregat skont l-oriġini u t-tip ta' materjal	Iċ-ċelloli kollha fit-Tabella 3

(\*) Irkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew mormi b'xi mod ieħor.

Tabella 3

**Format tar-rappurtar għal skart mistad b'mod passiv**

		1	2	3	4	5	6
		Massa totali (tunnellati)	ALDFG (*) (tunnellati)	Skart tal-baħar ieħor (tunnellati)	Volum totali (ul)	ALDFG (*) (m <sup>3</sup> )	Skart tal-baħar ieħor (m <sup>3</sup> )
1	Totali	A1+A2	A1 = B1+C1 +D1+E1	A2 = B2+C2 +D2+E2	F1+F2	F1 = G1+H1 +I1+J1	F2 = G2+H2 +I2+J2
2	Plastik	B1+B2	B1	B2	G1+G2	G1	G2
3	Metalli	C1+C2	C1	C2	H1+H2	H1	H2
4	Gomma	D1+D2	D1	D2	I1+I2	I1	I2
5	Injam, tessuti u skart ieħor	E1+E2	E1	E2	J1+J2	J1	J2

(\*) Irkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew mormi b'xi mod ieħor.

## RETTIFIKA

**Rettifika tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/1831 tal-24 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi l-ħames lista tal-valuri ta' limitu indikattiv ta' esponiment okkupazzjonali skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u li temenda d-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KE**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 279 tal-31 ta' Ottubru 2019)

Fil-paġna 34, l-Anness, fit-tabella, l-għaxar ringiela (Triklorur tal-fosforil):

<i>minflok:</i>	“233-046-7	10025-87-3	Triklorur tal-fosforil	0,064	0,01	0,12	0,02	–”
-----------------	------------	------------	------------------------	-------	------	------	------	----

<i>aqra:</i>	“233-046-7	10025-87-3	Triklorur tal-fosforil	0,064	0,01	0,13	0,02	–”
--------------	------------	------------	------------------------	-------	------	------	------	----





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)